MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 723/2006

**Practical Trading Co Limited**
**(C-12898)**

**vs**

**Fabian Catania**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u hdax-il Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmi (LM211.58) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkunsinjata fuq ordni tieghu stess kif ukoll parti minn dan l-ammont kien gie 'mhallas' b'cekk li ma kienx onorat.

Bl-Ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artiklu 166A tal-Kap12 li ggib in-numru 3959/06 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konevnut ipprezentat mill-PL Davinia Sullivan fil-31 ta’ Mejju, 2007.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------